KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 422 (8-50)

It-Tnejn 6 ta' Ġunju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber (ħarġet mil-laqgħa fit-7.55 ta' filgħaxija)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI

Ħadd ma kien assenti.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**422.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**422.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Adrian Farrugia.

**422.1.2** Is-Sindku issospenda is-Seduta fis-6.10pm.

**422.1.3** Is-Sindku reġa fetaħ is-Seduta fis-6.30pm.

**422.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 421. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**422.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**422.2.2** Is-Sindku rrefera għal item 421.10, 'tismija ta' toroq' u qal li jonqos li tissemma parti minn Triq Ramija, il-biċċa minn Triq Sta. Margerita li tibqa' sejra sa fejn binja Ramija. Huwa propona l-isem 'Triq iż-Żernieq'. Il-Kunsillier Kurstein Sant issekonda u l-Kunsill unanimament qabel mal-proposta ta' dan l-isem biex jiġi mgħoddi lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni u l-proċess neċessarju.

**422.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**422.3.1** Is-Sindku rrefera għall-intervent waqt is-sospensjoni tas-Seduta, fejn ġiet preżentata ittra mill-Avukat tas-sidien tal-Limestone Heritage bis-suġġett 'Ċertifikat tar-Reġistru tal-Artijiet 09003379 favur il-Gvern ta' Malta'. Is-Sindku propona li ssir stqarrija biex titqajjem kuxjenza dwar dan il-każ u anka żviluppi simili fosthom il-batching plant ħdejn il-Falkunerija. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jaqbel li ssir stqarrija iżda propona li minflok stqarrija bil-kitba biss, issir konferenza stampa fuq il-post. Il-Kunsill qabel li ssir sottomissjoni u anka li tinstab data biex issir stqarrija fuq il-post b'urġenza biex titqajjem kuxjenza nazzjonali favur l-ambjent.

**422.3.2** Is-Sindku ssospenda is-Seduta fis-6.54pm.

**422.3.3** Is-Sindku reġa fetaħ is-Seduta fis-7.10pm.

**422.3.4** Is-Sindku irrefera għall-intervent tal-membri tal-Għaqda tal-Armar waqt is-sospensjoni tas-Seduta u qal li huwa konxju li t-toqob għall-armar tal-festa fi Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa fejn sar ix-xogħol ta' wiċċ tat-triq minn IM għadhom ma sarux. Huwa qal li qed jinsisti mal-perit ta' IM inkarigat biex dawn isiru mill-iktar fis, anke fid-dawl li l-għaqda qegħda tarma t-tiżjin għal festa ta' San Nikola tas-26 ta' Ġunju.

**422.3.5** Is-Sindku rrefera għall-artiklu minn Arnold Cassola dwar il-barriera f'Ta'Belula fit-Triq ta' Għar Lapsi u l-istat perikoluż tat-triq. Hu qal li ġie ikkuntattjat minn ġurnalist ta' the Times of Malta fejn intalab iwieġeb numru ta' mistoqsijiet dwar is-sitwazzjoni. Is-Sindku preżenta kopja tar-risposta li provda, li dehret ukoll fuq il-midja soċjali. Is-Sindku qal li din l-issue ilha sejra snin, saħansitra kienet issue tal-ewwel kunsill lokali 28 sena ilu. Is-Sindku semma wkoll Perit ta' esperjenza li esprima l-opinjoni tiegħu u tefa dell ikraħ u piż fuq il-Kunsill. Hu qal li r-risposta tiegħu bħala Sindku kienet b'responsabbilta' li kull awtorita' konċernata għandha terfa l-piż ta' din il-problema. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jaqbel ma' ħafna punti li semma s-Sindku fl-intervista u qal li għalkemm il-barriera taqa' taħt il-konfini tas-Siġġiewi, il-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda jedd fuq il-permessi ta' barrieri. Il-Kunsill Lokali għandu jikteb uffiċjalment lill-Awtorita' tal-Ippjanar u l-ERA dwar din l-issue u jinsisti għal risposta.

**422.3.6** Is-Sindku qal li fil-11 ta' Mejju 2022 saret il-laqgħa mal-Ministeru tat-Trasport fejn attendew flimkien miegħu s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Julian Borg. Is-Sindku qal li ġiet preżentata lista pendenti ta' xogħolijiet u anka xi issues ta' toroq. Is-Sindku qal li hemm lista ta' toroq pjanati li jsiru fiż-żmien qarib. Ser isir rapport tax-xogħolijiet li intalbu u ngħadduh lill-Ministeru biex jiġi segwit.

**422.3.7** Is-Sindku qal li ġie mistieden għal laqgħa mal-Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u Pjanar. Huwa qal li iddisukuta diversi xogħolijiet anka fid-dawl li inbidel il-Ministeru fosthom fil-bajja ta' Għar Lapsi, kif ukoll ressaq talba għall-installar ta' crash barrier fid-dawra tal-Munxar fit-Triq ta' Għar Lapsi, u bdil taċ-ċnut fil-binja Ramija peress li qegħdin kundizzjoni ħażina.

**422.3.8** Impjegata assenjata taħt skema tal-RSSL
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet informata verbalment minn ħaddiema amministrattiva assenjata taħt l-iskema tal-RSSL li ġiet imsejħa tattendi għal interview ma' Kunsill Lokali ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-persuna ilha assenjata disa snin mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u hija responsabbli minn diversi inkarigi fl-uffiċċju, apparti li tagħmel day-to-day work bħal ħlasijiet, permessi u xogħol ieħor. Is-SE qalet li sal-lum l-uffiċċju ma rċieva l-ebda korrispondenza uffiċjali f'dan ir-rigward u f'kaz li din il-ħaddiema titneħħa minn mal-Kunsill tas-Siġġiewi ser teffetwa negattivament l-effiċjenza u l-effettivita' tal-ħidma tal-amministrazzjoni, peress li jintefa piż fuq l-impjegati l-oħra, meta l-Kunsill huwa konxju li haw nuqqas ta' riżosi umani fl-uffiċċju. Il-Kunsillier Julian Borg qal li fid-dawl li l-Kunsill dejjem saħaq li hemm bżonn iktar staff, il-Kunsill għandu jikteb uffiċjalment biex jekk kien hemm xi misunderstanding biex l-impjegata tiġi assenjata ma' Kunsill ieħor, jieqaf il-proċess mill-iktar fis. Is-Sindku qabel u qal li ser jiċċekja mal-Uffiċċju tal-RSSR biex jara x'inhi is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li jintbagħat komunikat uffiċjali.

**422.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

Il-Viċi Sindku ħarġet mil-laqgħa fit-7.55 ta' filgħaxija.

**422.5** **Riżenja tal-*Contract (Community) Works manager* u approvazzjoni tat-tieni applikant**

Is-Sindku informa li s-Sur Peplow kien informa li ser jirriżenja mill-kariġa ta' Contracts (Community) manager fl-aħħar ta' Mejju 2022. Huwa qal li hemm bżonn immedjatament li dan il-post vakanti jimtela biex ikun haw impjegat li jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fl-andament tax-xogħol. Is-Sindku qal li għandna nirreferu għat-tieni applikant li kien intervistat u li għandu passmark mill-bord. Wara diskussjoni, issemma l-punt li l-individwu huwa eta' pensjonabbli u allura irid ikun hemm gwida jekk jistax jiġi impjegat minn Kunsill Lokali u jekk fl-affermattiv jekk hemmx xi kundizzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob direzzjoni u konferma mid-Dipartiment dwar dan. Il-Kunsill unanimament qabel li malli u jekk ikun hemm konferma, għandu jsir il-proċess biex jiġi impjegat it-tieni applikant.

**422.6** **Xogħol ta' pavimentar madwar l-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza bħala parti mill-proġett**

Is-Sindku preżenta pjanta b'żewġ proposti imressqa mill-Perit għal pavimentar mad-dawra tal-istatwa ta' San Nikola. Hu ta spjegazzjoni dwar dawn il-proposti, bi proposta A hija li jinbidel il-pavimentar eżistenti għal ċangatura imma jibqa' pratikament l-istess format, proposta B hija li jinbidel kemm il-pavimentar u anka id-diżinn u għalhekk hija opzjoni iktar għalja finanzjarjament. Wara li ddiskutew iż-żewġ proposti, tqajjem il-punt li meta jsir il-proġett ta' Pjazza San Nikola, probabilament dan il-pavimentar ikollu jinbidel ukoll biex jiġi jaqbel mal-kumplament u allura mhux vjabbli li tintagħżel il-proposta B. Il-Kunsilliera talbu li jkollhom kopja tal-proposti b'email biex jarawha sew u kien hemm qbil unanimu li ssir proposta A, kif ukoll li jsir id-dawl ġdid fuq l-istatwa.

**422.7** **Proposta u approvazzjoni ta' *charging pillars* addizzjonali**

Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Enerġija qed jitlob lill-Kunsill jipproponi ħames siti fejn jistgħu isiru charging pillars fil-lokalita'. Huwa qal li bħalissa hemm waħda fil-Pjazza quddiem il-Kunsill li kif nistgħu naraw hemm użu għaliha frekwenti, u dalwaqt issir waħda fil-parking tal-bajja ta' Għar Lapsi. Huwa qal li sit ieħor li kien propona l-Kunsill huwa inkluż fil-proġett tal-family park li għadu f'fażi inizjali u għalhekk qed jiproponi li jiġi identifikati siti oħrajn adatti. Wara diskussjoni ġew imressqa dawn is-siti:

- Pjazza Citta' Ferdinand ħdejn Ġnien Citta' Ferdinand
- Hesri Area ħdejn l-open gym fi Triq Mons Fx Mangion
- Triq Salvu Curso ħdejn iċ-Ċentru Santissima Trinita
- Triq Mattia Preti ħdejn il-Bandli Nalizpelra
- Triq Dun Manwel Zammit ħdejn Ġnejnet l-Armonija
- 

Il-Kunsill qabel unanimament fuq is-siti proposti.

**422.8** **Xogħolijiet ta' servizzi ġodda tal-Enemalta**

Is-Sindku qal li kien hemm diversi issues dwar xogħolijiet mill-korporazzjoni Enemalta. Hu qal li dawn ix-xogħolijiet qed isiru biex jiżdied il-vultaġġ fis-supply tal-elettriku fiż-żoni ta' Triq Dun Manwel Zammit u ż-żona tal-Kirċippu. Huwa qal li qed issir prassi biex ma' kull permess li jinżareġ ikollna kuntatt tal-persuna inkarigata, preferibilment l-Enġineer fuq il-proġett jew il-foreman. Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier Julian Borg qed issir verifika ta' kull talba għal permess ta' tħaffir u jintalbu diveri kjarifiċi. Is-Sindku qal li ser jikteb uffiċjalment dwar id-dewmien fix-xogħolijiet kemm ta' Triq l-Imdina u anka Triq Dun Manwel Zammit.

**422.9** **Preparamenti għal Festa San Nikola u Pjazza Pedonali**

422.9.1 Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Grupp tal-Armar fuq diversi proposti relatati mal-armar tal-Festa ta' San Nikola 2022, fosthom għeluq tal-Pjazza u toroq biswit għal jiem tal-festa, u arranġamenti loġistiċi oħra. Is-Sindku qal li l-organizzazjoni minn naħa amministrattiva għandha ssir bħas-snin preċedenti.

422.9.2 Is-Sindku preżenta stima mill-grupp tal-Armar għall-armar tal-festuni u dwal fi Triq Mons Mikiel Azzopardi għal total ta' €1150 bħas-snin preċedenti. Il-Kunsill unanimament approva din l-istima.

**422.9.3** Is-Sindku preżenta talba mill-Għaqda tan-Nar għal għajnuna finanzjarja fir-rigward ta' insurances u fire-engines għal total ta' €3000. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u anka ssemmiet l-għotja ta' €3500 għal ħruq ta' nar fl-ewwel tas-sena u l-€200 għal salut fl-inawgurazzjoni tal-istatwa ta' San Nikola, total ta' €3700 imħallsa f'Jannar 2022. Il-Kunsill qabel li din it-talba ma tiġix milqugħa anka fid-dawl li preżentement hemm għajnuna mill-Arts Council lill-għaqdiet tan-Nar. Is-Sindku propona li l-għaqdiet lokali ikunu iktar involuti jipparteċipaw f'attivitajiet tal-Kunsill biex b'hekk ikunu qed jingħataw għajnuna filwaqt li jagħtu s-sehem tagħhom.

**422.9.4** Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Ispettur, ma' l-arċipriet, mal-għaqdiet, każini u bars biex tiġi diskussa loġistika, l-permessi li jinħarġu inkluż tal-kiosks, bars u attivitajiet, tindif, għeluq ta' toroq u dak kollu li jirrigwarda l-preparamenti għal festa.

**422.9.5** Is-Sindku qal li qed isiru l-aħħar preparamenti għall-organizzazzjoni tal-attivita' Pjazza Pedonali, bil-parteċipazzjoni ta' diversi għaqdiet. Hu qal li qed jieħu ħsieb l-aħħar preparamenti għal-loġistika, għeluq ta' toroq, devjazzjoni u dak kollu li hemm bżonn. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jagħtu sehemhom.

**422.10** **Approvazzjoni ta' attendant mal-lattrina ta' Għar Lapsi għal perjodu Ġunju-Settembru 2022**

Is-Sindku propona li għal din is-sena wkoll ikun hemm is-servizz ta' attendant mal-lattrina ta' Għar Lapsi u tinfetaħ għal sigħat żejda minħabba l-influss ta' nies, bejn Ġunju u Settembru mit-8.00 ta' filgħaxija sal-11.00ta' filgħaxija. Hu qal li l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-lattrina kwota għal €8 is-siegħa bħas-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva anka biex jiġi evitat vandaliżmu u biex isir tindif iktar frekwenti.

**422.11** **Tenders**

**422.11.1** ***Patching Works LCS17/21***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Diċembru li għadda l-kuntrattur Elles Urban Services ġie infurmat li ġie 'awarded' it-tender, mandankollu, minkejja d-diversi tentattivi biex isir kuntatt, dan qatt ma tfaċċa biex jiffirma l-kuntratt jew għamel kuntatt mal-uffiċċju. Fit-29 t'April intbagħtlu l-aħħar komunikat biex jekk ma jagħmilx kuntatt mal-uffiċċju ta' data stabbilita iffisser li m'għadux interessat. Filfatt ma kien hemm l-ebda kuntatt.

Wara li ġiet mistħarrġa l-opzjoni li ngħaddu għat-tieni offerent tat-tender LCS17/21, jirriżulta li l-offerta hija ferm għola mill-budget, u għalhekk ma tistax tintagħżel. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jibda l-proċess biex jerġa jiġi ppublikat it-tender.

Il-Kunsill unanimament qabel.

**422.11.2** Street Sweeping LCS23/22

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender tal-knis jinsab publikat u jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2022.

**422.11.3** Kuntratt Cleaning Non Urban

Is-Sindku qal li qed ikun hemm ammont kbir ta' ilmenti dwar dan il-Kuntratt. Huwa qal li l-Kuntrattur għandu nuqqas ta' ħaddiema, u wara diversi site inspections dejjem instab ħaddiem wieħed fuq il-post. Meta mistoqsi l-Kuntrattur dejjem sab skużi, iżda r-ritmu tax-xogħol juri biċ-ċar li m'hemmx in-numru ta' ħaddiema kif mitlub fil-kuntratt. Barra minn hekk, il-ħaxix li jinqata' qed jitħalla fil-post għal diversi ġranet u anka ġimgħat, anka wara li inġibdet l-attenzjoni diversi drabi.

Dan apparti li jidher ikrah, qed joħloq periklu speċjalment f'toroq traffikużi għax il-vetturi, muturi u roti qed ikollhom jaqbżu l-karreġġata. Ilmenti oħra jirrigwardaw ġbir ta' annimali mejta, li mentri dawn iridu jinġabru b'mod immedjat, qed jitħallew hemm ġranet bi skuża li ma jsibx fejn. Qed ikun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mal-kuntrattur, fejn ħafna drabi jinsab bil-mobile mitfi, emails ma jiġux risposti u lanqas messaġġi istantanji. Għalhekk, meta l-Kunsill ikkunsidra li l-livell tax-xogħol huwa insodisfaċenti, qabel unanimament li jiġu applikati defaults skond il-Kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll, li minħabba xogħolijiet urġenti, anka peress li qegħdin fix-xhur sħan u allura iżjed hemm riskju ta' nhar minħabba ammont ta' ħaxix niexef, u anka peress li hemm toroq li bħal daż-żmien kienu jitnaddfu bħat-toroq tal-kmamar tan-nar, Triq ta' Għar Lapsi, Lawrenti u oħrajn, jinġiebu stimi minn terzi ħalli nirkupraw ftit mir-ritmu tax-xogħol li waqa' lura. Il-Kunsill qabel ukoll li f'każ li jibqa jkun hemm nuqqasijiet u s-sitwazzjoni ma titranġax, nipproċedu biex jitwaqqa' l-kuntratt.

**422.11.4** Kuntratt Ġbir ta' Skart Domestiku

Il-Kunsill iddiskuta l-ammont konsiderevoli ta' lmenti li kien hemm għax-xhur t'April u Mejju u qabel unanimament li jiġu applikati penali ta' 10% għal dawn ix-xahrejn skond Artiklu 19 tal-Kuntratt LCS38/21. Is-Sindku qal li s-servizz tal-ġbir ta' skart tjieb, anka wara diversi laqgħat mal-Kuntrattur fejn ġew trattati d-diversi ilmenti speċjalment dawk ripetitivi. Il-Kuntrattur qal li l-ikbar ostaklu kien li l-iskart jinħareġ wara li jkun għadda, anka peress li r-residenti imdorrija bi skeda u ħinijiet differenti għal diversi snin, iżda li issa qed tindara u l-ġbir ikun iktar faċli. Huwa qal li l-iskart miż-żona rurali dejjem jiżdied u anka f'postijiet fejn mhux reġistrati, kantunieri u 'hot spots' fejn isib munzelli sħaħ. Il-Kunsill laqa' pożittivament il-fatt li s-servizz tjieb fix xahar attwali.

**422.12** **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report (Q1)* għal perjodu Jannar-Marzu 2022**

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega tar-Rapport Finanzjarju għal perjodu Jannar-Marzu 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport u tat spjega. Is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva.

**422.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**422.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess fl-applikazzjonijiet PA3480/22 u PA3291/22.

**422.13.2** Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni dwar applikazzjoni PA3156/22 '*Coastal protection works at Għar Lapsi (East Cove) consisting in the shifting of rock boulders from quay and seabed to protect the toe of the cliff to reduce rate of erosion and further collapse (as already happened in 2016) by wave action. Works also entail the repair of the existing damaged concrete platform adjacent to existing slipway for public use'*, mill-Pubic Works. Huwa qal li għalkemm jaqbel mal-proġett, jiproponi li l-Kunsill għandu jagħmel sottomossjoni dwar l-aspett ambjentali, ikollna iktar informazzjoni tat-tip ta' konkos li ser jintuża biex ma ssirx ħsara lill-fonal tal-baħar, u jiġi evitat tixrid ta' materjal fil-baħar. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**422.13.3** Il-Kunsillier Borg talab li f'Seduta oħra tiġi diskussa applikazzjoni PC99/18 li l-Kunsill diġa kien għamel sottomissjoni għaliha. Huwa talab biex dak inhar tiġi preżentata informazzjoni relatata.

**422.14** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**422.14.1** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza dwar l-introduzzjoni tal-Community Policing fis-Siġġiewi. Huwa qal li nhar is-17 ta' Ġunju 2022 ser issir laqgħa ta' introduzzjoni dwar dan il-proġett. Is-Sindku qal li mill-aħħar informazzjoni, il-pjanijiet li l-għassa distrettwali tiġi s-Siġġiewi inbidlu. Iktar dettalji jingħataw fis-Seduta li jmiss.

**422.14.2** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand BNF Bank rigward inizjattiva komunitarja favur il-lokalita'. Hu qal li ser issir laqgħa 'l quddiem biex naraw x'qed joffru.

**422.14.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet mistiedna bħala group leader għal proġett bis-suġġett 'Project Mediterranean Culture Stories - The Past meets the Future (Erasmus+)', bejn l-20 u l-25 ta' Ġunju 2022 fi Sqallija, fejn ser takkumpanja 5 żagħżagħ bejn it-18 u t-30 sena. Hija qalet li fost dawn ser ikun hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' żewġ żgħażagħ mil-lokalita', fosthom il-Kunsilliera Francine Farrugia li taqa' taħt dan l-age group u membru mill-istaff.

**422.14.4** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-approvazzjoni minn TM ta' senjaletika f'Wied Hesri, wara talba tal-Kunsill biex trejqa fil-wied ikollha użu limitat mill-bdiewa biex jitnaqqas l-impatt ambjentali mit-traffiku. Huwa qal li s-sinjali approvati ma jagħmlux sens għal fatt li tabella ta' dead end qed tindika li t-triq tagħlaq, mentri it-triq tieħu għal Ħaż Żebbuġ u għalhekk hija żbaljata. Huwa talab li jerġa jsir komunikat ma' TM dwar dan.

**422.15** **Rapport tal-ilmenti**

**422.15.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**422.16** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**422.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**422.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa informazzjoni dwar il-pagament lill-impjegata M.Galea bid-deskrizzjoni Cirk CSA/PM/13/2021. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara sejħa tramite din iċ-ċirkulari għal xogħol extra mal-qorti, l-impjegata kienet bdiet tagħmel dan is-servizz extra bi ħlas. Il-flus mill-qorti jiġu mgħoddija lid-DLG, u imbgħad jidħlu fil-kont tal-Kunsill, fejn imbgħad jiġu inklużi fil-paga tal-impjegata għal fini tassabbli. Dan bl-approvazzjoni tad-DLG. Is-Segretarju Eżekuttiv speċifikat li dan ix-xogħol extra jsir wara l-ħinijiet tal-uffiċċju tal-Kunsill u bl-ebda mod m'għandu impatt fuq ix-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsillier irringrazzja tal-kjarifika.

**422.16.3** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**422.17** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**422.17.1** Il-Kunsillier Kurstein Sant informa li kien attenda għal-laqgħa ta' ntroduzzjoni ta' diversi miżuri maħruġa mill-GAL Majjistral li jinsabu miftuħa:

- Restoration Of Assets And Sites Of Artistic And Cultural Value
- Strengthening A Healthy Cultural Identity
- Promotion Of The Cultural Heritage
- Development Of Green Infrastructure

Is-Sindku qal li qed jistħarreġ dwar id-diversi opportunitjiet għal dawn il-Miżuri.

**422.17.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li fetħu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet tas-Sajf, fosthom fil-lingwa franċiża, kors tal-arti, first-aid, u eżerċizzju fiżiku. Hija qalet li TCTC bagħtu offerta emendata ta' €2100 bħala ftehim għall-kors ta' robotica. Hija qalet li qed tistħarreġ il-possibilta' li jsiru lezzjonijiet tal-għawm fil-pixxina tal-iskola u kors tal-food handling. Dawn il-korsijiet joffru edukazzjoni extra kurrikulari u anka biex it-tfal u żgħażagħ ma jaħlux il-ħin matul il-vakanzi tas-sajf.

**422.17.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li residenti fi Triq Blat il-Qamar wasslu l-prejokkupazjoni tagħhom għall-ispeed eċċessiv tal-vetturi fejn dan l-aħħar ġew irrapurtati bosta inċidenti. Huwa propona li ssir applikazzjoni għal speed hump tal-asphalt qabel iċ-ċimiterju fil-biċċa fejn m'hemmx residenzi.

**422.17.4** Il-Kunsillier Julian Borg semma wkoll li rċieva talba minn residenti għal traffic calming measure fi Triq Ġużeppi Agius minħabba speed eċċessiv. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu, speed hump mhux adattat għal din it-triq u talab li ikunu infurmati il-LESA biex ikun hemm kontroll, speċjalment jekk dawn l-inċidenti ta' sewqan eċċessiv isiru dejjem fl-istess ħinijiet.

**422.17.5** Il-Kunsillier Julian Borg qal li x-xogħolijiet minn Infrastructure Malta fi Triq ta' Bur it-Tokk ilhom mal-ħames ġimgħat weqfin. Dan qed joħloq inkonvenjent u frustrazzjoni lir-residenti. Huwa talab li jiġu kkuntattjati IM biex ix-xogħol jitkompla minnufih u ma jkunx hemm dewmien bla bżonn, la hemm u lanqas f'toroq oħra fejn hemm xogħolijiet mibdija u mitluqa.

**422.18** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 4 ta' Lulju 2022

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |